MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 895/2002/1

**Antoine Vassallo f'ismu proprju u ezercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**Vs**

**Massimo u Charmaine Abela**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm361.80c (tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmenin centezmu) rappresentanti import ta' sitt (6) kambjali minnhom accettati u ffirmati u ma thallsux, li d-data ta' maturita taghhom skaddiet, prezz ta' karozza lilhom mibjugha u kkonsenjata.

Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz fl-ammont ta' Lm5.75c (hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu) t'ittra interpellatorja kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fis-26 ta' Mejju, 2003 li permezz taghha l-attur irriduca t-talba attrici ghal Lm87.50c (sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu) u zamm ferm ghall-interessi u l-ispejjez.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici fl-ammont ta' Lm87.50c (sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu), bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------